# IR-RABA' PARTI

## L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

**28 ta' Jannar, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B. L. Can., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina
*versus*
Lawrence Ellch et.

**Att tal-Akkuża — Nullità — Serq — Riċettazzjoni.**

*Biex eċċezzjoni preliminari tista' tiġi ritenuta bħala każ li fih il-Qorti għandha tkun komposta minn tliet Imħallfin biex tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni, mhux biżżejjed li l-istess eċċezzjoni tiġi kwalifikata bħala eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża; imma hu neċessarju, biex il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tagħha u tirrimettiha lill-Qorti kolleġjali, li l-Qorti tkun soddisfatta u persważa li d-difett allegat jimplika realment, almenu "prima facie", eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża; fi kliem ieħor, jeħtieġ illi, qabel ma ssir dik ir-remissjoni lill-Qorti kolleġjali, li jirriżulta sodisfaċentement illi, supposta r-realtà u l-eżistenza tad-difett, ikun il-każ ta' dikjarazzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, u mhux sempliċement ta' rettifikazzjoni tal-istess att tal-akkuża jew xi rimedji oħra.*

*Jekk l-akkużat hu mputat fl-ewwel kap li seraq xi oġġetti, u fit-tieni kap illi, wara li xi persuni oħra serqu dawk l-oġġetti, hu biegħ jew ittrasferixxa jew mexxa minn dawk l-oġġetti meta kien jaf li kienu ġejjin minn serq, u l-akkużat jeċċepixxi n-nullità tal-att tal-akkuża, billi jallega li l-fatti allegati fl-ewwel kap ma jikkostitwux, anzi jeskludu, ir-reat ta' serq dedott fl-ewwel kap, u l-fatti allegati fit-tieni kap ma jikkostitwux, anzi jeskludu, ir-reat dedott fl-ewwel kap, b'mod li mhux ċar b'liema reat l-akkużat huwa mputat, u li jekk iż-żewġ kapi huma ntiżi bħala alternattiva, haġa li*

*ma tirriżultax mill-att tal-akkuża, din hija haġa kuntrarja għall-liġi, il-kwistjoni hekk sollevata issib is-soluzzjoni tagħha fil-proċess stess skond ir-riżultanzi ta' fatt u d-direzzjonijiet li l-Qorti tagħti lill-ġurati fuq punti ta' dritt. Bil-liġi hu rimess lill-ġurati jekk l-akkużat ikkommettiex ir-reat ta' serq dedott fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża, kif ukoll, fil-każ li l-ġurati ma jsibuhx ħati ta' dak ir-reat, jekk ikkommettiex ir-reat ta' riċettazzjoni dedott fit-tieni kap. Tkun, mbgħad, kwistjoni ta' dritt, rimessa bil-liġi lill-Qorti, u li fuqha l-Qorti tagħti direzzjonijiet lill-ġurati, jekk, fil-każ li huma jsibu lill-akkużat ħati taħt l-ewwel kap, ikunux jistgħu jsibuh talvolta ħati wkoll taħt it-tieni kap, jew pjuttost il-kuntrarju, darba li l-fatt taħt it-tieni kap ikun jikkostitwixxi sempliċement sfruttament konsegwenzjali tal-prodott tas-serq.*

*F'dawn il-kontiġenzi, l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat ma ġġibx għal kwistjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, u ma hix tali li għandha tiġi rimessa lill-Qorti kolleġjali.*

Il-Qorti:— Rat in-nota li biha l-akkużat Peter Azzopardi eċċepixxa n-nullità tal-att tal-akkuża fuq il-motiv li l-fatti allegati fl-ewwel kap ma jikkostitwux, anzi jeskludu, ir-reat dedott fit-tieni kap, u l-fatti allegati fit-tieni kap ma jikkostitwux, anzi jeskludu, ir-reat dedott fl-ewwel kap; li ma rriżultax ċar b'liema reat l-esponent jinsab akkużat; u li jekk — u dan ma jirriżultax mill-att tal-akkuża — iż-żewġ kapi huma ntiżi bħala alternattiva, dan hu kuntrarju għall-liġi;

Rat in-nota tal-Avukat tal-Kuruna, li biha oppona bħala infondata l-eċċezzjoni;

Semgħet id-difensuri u l-Avukat tal-Kuruna;

Ikkunsidrat;

L-imsemmi Peter Azzopardi huwa akkużat fl-ewwel kap ta' serq aggravat bil-mezz u bil-ħin, u fit-tieni kap ta' riċettazzjoni ta' oġġetti misruqa tal-valur fuq it-£3 u taħt l-£10;

Fl-ewwel kap huwa allegat li l-akkużat seraq l-oġġetti hemm indikati, u fit-tieni kap illi, ftit wara li xi persuni serqu l-oġġetti ndikati f'dan il-kap, li jikkorrispondu għal dawk tal-ewwel kap, l-akkużat, meta kien jaf li kienu ġejjin minn serq, biegħ, ittrasferixxa u mexxa minnhom sigaretti u oġġetti oħra;

Kif ġie ritenut fil-kawża "Regina vs. Paolo Cutajar" (Vol. Sent. 1875, p. 180-183), u hija ġurisprudenza ta' din il-Qorti:— "Non è sufficiente, per poter l'eccezione preliminare essere ritenuta come un caso in cui la Corte deve essere composta di tre giudici, la sola e nuda qualificazione o denominazione per parte dell'accusato che tale eccezione sia una eccezione di nullità dell'atto di accusa; ma è necessario, perchè la Corte composta di un sol giudice possa astenersi dal prendere cognizione di un fatto che si allega contro l'atto di accusa, e rimettere la decisione della quistione alla Corte composta di tre giudici, che sia soddisfatta e persuasa che il difetto allegato importi realmente almeno 'prima facie', una eccezione di nullità dell'atto di accusa; od in altri termini, è necessario che consti soddisfacentemente, prima di detta remissione, che, supposta la realtà ed esistenza del difetto, debba avere luogo la dichiarazione di nullità dell'atto di accusa, e non semplicemente la rettificazione dell'atto di accusa od altri rimedi";

Huwa bil-liġi rimess lill-ġurati jekk l-eċċipjent ikkommettiex ir-reat ta' serq dedott fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża, *kif ukoll, fil-każ li l-ġurati ma jsibuhx ħati ta' dak ir-reat, jekk ikkommettiex ir-reat ta' riċettazzjoni* dedott fit-tieni kap. Tkun, mbgħad, kwistjoni ta' dritt, rimessa bil-liġi lill-Qorti, u li fuqha l-Qorti tagħti direzzjonijiet lill-ġurati, jekk, *fil-każ li huma jsibu lill-akkużat ħati taħt l-ewwel kap ikunux jistgħu isibuh talvolta ħati wkoll taħt* it-tieni kap, jew pjuttost il-kuntrarju, darba li l-fatt taħt it-tieni kap ikun jikkostitwixxi sempliċement sfruttament konsegwenzjali tal-prodott tas-serq;

Għalhekk il-kwistjoni sollevata mill-eċċipjent issib is-soluzzjoni tagħha fil-proċess stess skond ir-riżultanzi ta' fatt u d-direzzjonijiet tal-Qorti fuq punti ta' dritt;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi l-kwistjoni sol'evata mill-akkużat Peter Azzopardi ma tammontax, lanqas "prima facie", għal eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, u għalhekk ma hemmx lok għar-remissjoni tal-definizzjoni tal-kwistjoni quddiem il-Qorti kol'eġjali skond l-art. 461(6) tal-Proċedura Kriminali;

U tordna li l-kawża tgħaddi quddiem din il-Qorti kif komposta minn Imħallef wieħed għall-istadji ulterjuri tagħha.